# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru 2001

**Numru 49**

**Citaz. numru 686/93 DS**

Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rapprezentant tas-socjeta` Formosa & Camilleri Ltd. u din bhala agenti Malta tas-socjeta` assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Nissan Motor Sales Limited
vs
John E. Sullivan u Joseph E. Sullivan ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sullivan Shipping Agencies Limited agenti Malta ta' Hoegh-Ugland Auto Liners A/S armaturi/proprjetarji tal-vapur "Kompozitor Rimsky Korsarov", u Godwin Abela u Alfred E. Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Co. Ltd.

Illum, 30 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-26 ta' Mejju 1993 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi s-socjeta' Nissan Motor Sales Limited importat gewwa Malta fuq il-vapur "Kompozitor Rimsky Korsarov" konsenja ta' karozzi liema vjagg kien organizzat mis-socjeta Sullivan Shipping Agencies Limited.

Illi wara li waslet din il-merkanzija f'Malta fid-29 ta' April 1992 u inhattet f'idejn is-socjeta' The Cargo Handling Company Limited l-assigurat tal-attur gabar il-merkanzija in kwistjoni u sab li l-merkanzija kellha id-danni u nuqqasijiet kif spjegati fid-domument A.

Illi ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tal-hsarat u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat.

Illi l-attur nomine jikkwantifika il-hsarat u nuqqasijiet riportati fil-merkanzija tal-assigurat tieghu fl-ammont ta' erba mija u wiehed u erbghin liri u hames centezmi (Lm441.05) inkluz f'din il-figura l-ammont ta' mija u tnejn u tletin lira (Lm132) imhallsa bhala survey fee.

Illi l-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni u nuqqasijiet.

talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli ghall-hsarat kagjonati fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur nomine;

2. Tillikwida id-danni sofferti mill-assigurat tal-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur fis-somma ta' Lm441.05;

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine jew min minnhom ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' Lm 441.05 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huma responsabbli il-konvenut nomine jew min minnhom – kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez u nteressi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra l-konvenut nomine li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela u Alfred E. Aquilina nomine fejn qalu:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd., ikkonsenjat u qdiet il-funzjoni kollha bid-diligenza rikjesta minnhom mill-ligi.

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall premess ghandha tigi pprovata l-allegata surroga.

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma ghall-kollox esagerati.

4. Illi fir-raba lok u bla pregudizzju ghall-premess l-interessi jiddekorru mid-data tac-citazzjoni stante li si tratta dwar kawza ta' danni. (Sentenza ta' l-Appell Sede Kummercjali deciza fis-sitta t'April 1992 Citaz. Nru. 112/86).

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess is-survey fees allegat ma' jistghux jigu riklamati stante li m'humiex danni ta' l-assigurat. (Sentenza ta' l-Appell Sede Kummercjali deciza fis-sitta t'April 1992 – Citaz. Nru. 112/86).

6. Illi la darba s-socjeta The Cargo Handling Co. Ltd., m'hija b;-ebda mod responsabbli, hija m'ghandiex thallas.

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti Godwin Abela u Alfred E. Aquilina nomine fejn qalu:

1. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati l-konvenut Godwin Abela nomine m'hux risponsabbli ghall-allegati danni/nuqqas u dan ai termini tal-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 (Amended by Legal Notice 28/73) peress li tali merkanzija hija meqjusa bhala "units" u tinghata biss ricevuta bhala tali "units".

2. Illi ai termini tal-Artikolu 6 (3) (a) (v) tal-Port Ordinance 1962 la darba tali merkanzija kienet meqjusa bhala "units" dan l-Artikolu jezemi ovvjament lis-socjeta' konvenuta minn kull risponsabilita.

3. Illi wkoll a bazi tal-Artikolu 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations 1966, l-impurtatur jaf li tali merkanzija tinhazen "in the open and always at the

sole risk of the owner" u ghalhekk anke f'dan il-kaz is-socjeta konvenuta mhux risponsabbli.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tat-18 ta' Ottubru 1993 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Philip Manduca bhala perit legali biex ifittex u jirrleta dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonjiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fis-16 ta' Novembru 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Jigi osservat l-ewwelnett li l-konvenuti John E. Sullivan u Joseph E. Sullivan nomine baqghu kontumaci izda fil-mori tal-kawza giet ipprezentata nota ta' cessjoni fil-konfront taghhom nomine stante pagament tas-somma ta' Lm129.51 minnhom lis-socjeta` attrici u dan kemm bhala mertu kif ukoll bhala spejjez. Ghalhekk din is-sentenza tirrigwarda l-bilanc ta' Lm311.54.

Issa din il-kawza tirrigwarda konsenja ta' karrozzi li gew importati mis-socjeta` Nissan Motor Sales Limited li taghha s-socjeta` attrici kienet l-assikuratrici, u liema karrozzi gew rilaxxati lis-socjeta` importatrici b'numru ta' hsarat u nuqqasijiet. Dawn il-karrozzi waslu Malta fuq il-vapur "Kompozitor Rimsky Korsarov" fil-25 ta' Mejju 1992.

Kif il-Qrati taghna kellhom okkazjoni josservaw, ir-ricerka ghar-responsabilta` hija dejjem riducibbli ghall-ezami ta' zewg mumenti fokali:

(1) meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment ghal dik li hija r-responsabilta' ta' l-armatur, u
(2) meta l-merkanzija tigi kkonsenjata lill-importatur mid-Dwana ghal dik li hija r-responsabilta` tal-*Cargo Handling*.

Ghaz-zewg mumenti fokali hemm il-prova dokumentarja li ghandha *juris tantum* tkun deciziva. Meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-bastiment jigi kkompilat rapport fuq l-istat li fih tinzel il-merkanzija minn abbord – it-*tally sheet*; u ghat-tieni mument, qabel il-merkanzija tohrog mid-Dwana u tigi kkonsenjata lill-importatur, dan jirrilaxxja certifikat lill-Kontrollur tad-Dwana fuq l-istat tal-merkanzija li jkun qed jircievi – l-*Gate Pass Out*. Il-partijiet ghandhom l-opportunita' *a tempo vergine* fil-kompilazzjoni ta' dawn

id-dokumenti li jikkontrollaw u jipprecizaw ir-registrazzjoni ta' l-istat ta' fatt. Dawn id-dokumenti ghandhom ghalhekk ikunu prova tal-kontenut ta' dak illi gie ddikjarat. Tali prova tista' tigi ribattuta bi provi li jridu jkunu ferm konvincenti biex jigi annullat il-valur probatorju taghhom.

Fil-kaz in ezami, mit-*tally sheet* Dok. PB1 esebit minn Peter Bonello fis-seduta peritali ta' l-24 ta' Gunju 1997, jirrizulta li gew riskontrati dawn il-hsarat: *"front wheel damaged"* u *"front bumper damaged"*. Effettivament meta l-karrozzi gew spezzjonati minn Tony Grech, *customer service manager* mas-socjeta` importatrici u minn Noel Ellul, *marine claims executive* mas-socjeta` assikuratrici, dawk il-hsarat gew osservati kif jirrizulta mid-Dok. TG1/TG2 u mid-Dok. NE1 u NE3, mnejn ukoll jirrizulta li l-valur ta' tali hsarat u tiswijiet relatati kien ta' Lm90.75. Hawn jinghad li bl-ittra datata 15 ta' Gunju 1993 mibghuta mis-socjeta` assikuratrici lis-socjeta` konvenuta Sullivan Shipping Agencies Ltd. giet indikata precizament din il-figura li, flimkien mas-somma ta' Lm38.76 bhala somma proporzjonali tas-*survey fees*, jammontaw ghal Lm129.51, is-somma mhallsa minn din is-socjeta` konvenuta fil-mori tal-kawza.

Fil-*gate pass-out* numru 054273 (Dok. K a fol. 16) insibu ndikat li fost seba' vetturi rilaxxati kien hemm *"1 rim wheel dented and slight scratches on 1 side of car"*. Fil-*gate pass-out* numru 054433 (Dok. L a fol. 17) insibu ndikat li fost sitta u ghoxrin vettura ohra kien hemm *"chassis no. 719982, damaged subframe, 4 cigarette lighters, 3 jacks and handles, 1 bumper (front) slightly damaged"*. Jigifieri filwaqt li hemm riferenza ghall-hsara fuq *rim wheel* u fuq *bumper*, hemm aktar hsarat u nuqqasijiet indikati.

Meta merkanzija tigi skarikata minn fuq vapur, din tghaddi taht il-kustodja tas-socjeta` konvenuta l-ohra The Cargo Handling Co. Ltd. u ghalhekk jidher li n-nuqqasijiet u hsarat l-ohra gew kagunati waqt li l-karrozzi kienu jinsabu taht il-kustodja ta' dik is-socjeta`. Minn ezami tan-notamenti li saru minn Tony Grech (Dok. TG u TG1) u s-*survey report* maghmul minn Noel Ellul (Dok. NE1 u NE3) jirrizulta li d-danni u nuqqasijiet imsemmija fiz-zewg *gate pass-out*, huma rispekkjati f'dawn id-dokumenti salv ghall-*heater knobs*. Huwa veru li Tony Grech stess xehed li fil-*gate pass-out* suppost hem imnizzel dak li ghandu hu fin-noti tieghu. Izda kif jixhed l-istess Tony Grech, in-noti (Dok. TG u TG1) ghamilhom meta spezzjona l-karrozzi, jigifieri dawn saru *a tempo vergine*. Inoltre ghandna l-konferma ta' Noel Ellul dwarhom. Ghalhekk il-Qorti ma tistax, fl-assenza ta' xi prova li b'xi mod tikkontradici din l-evidenza cara, ma zzommx bhala korretta l-lista ta' hsarat u danni sottomessa mill-attur nomine u li l-bilanc li baqaghlu x'jithallas ghan-nuqqasijiet u hsarat huwa issa ta' Lm309.05 – Lm129.21 = Lm218.30, filwaqt li l-bilanc fuq is-*survey fees* huwa ta' Lm132.00 – Lm38.76 = Lm93.24, total ta' **Lm311.54**.

Naturalment pero` jridu l-ewwel jigu ezaminati l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konenuta The Cargo Handling Co. Ltd.:

In-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri pprezentata fit-13 ta' Ottubru 1994

L-ewwel eccezzjoni: Dwar ir-Regolament 70 jirrizulta li dan ir-regolament ighid biss kif ghandhom jinhargu l-ircevuti u ma jghid xejn dwar helsien minn responsabbilta`.

It-tieni eccezzjoni: Dwar l-artikolu 6(3) tal-Ports Ordinance diga' gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza moghtija fis-16 ta' Ottubru 1996 fil-kawza fl-ismijiet Dr. Joseph Zammit McKeon noe vs David Jones et noe et" (Vol. LXXX.iii.1312) li dak l-artikolu m'ghandux iwassal ghal interpretazzjoni li jfisser li d-Direttur tal-Portijiet jew il-kuntrattur tieghu ma huwa qatt responsabbli u li m'ghandhomx japplikaw il-principji tal-Kodici Civili.

It-tielet eccezzjoni: Dwar ir-Regolament 90, issir referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-2 ta' Mejju 1989 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Felice Pace noe vs Godwin Abela noe**:

*"Ir-regolament ma jipprovdix ghar-relazzjoni tal-Cargo Handling u l-importatur, imma jipprovdi ghar-relazzjoni tas-Sovrintendent ma' min jircievi l-ordni ta' l-istess Sovrintendent .... Il-Cargo Handling ghandha drittijiet u obbligi versu l-importatur li gejjin mill-funzjonijiet u l-attivitajiet li gew akkordati lilha, u fost dawn l-obbligi hemm dak illi jekk ikollha f'idejha merkanzija li ma tistax tinhazen, u jkollha zzomm fil-berah, trid thares l-istess merkanzija minn kull hsara li tista' tigrilha minhabba dan il-fatt".*

It-tliet eccezzjonijiet ulterjuri huma ghalhekk michuda.

In-nota ta' eccezzjonijiet ipprezentata fl-24 ta' Gunju 1993

L-ewwel eccezzjoni: Minn dak li ntqal aktar 'il fuq huwa evidenti li ghall-hsarat u nuqqasijiet li gew riskontrati meta gew biex jigu rilaxxati l-karrozzi u li ma kinux gew osservati meta l-karrozzi tnizzlu minn fuq il-vapur, hija responsabbli s-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd.

It-tieni eccezzjoni: Is-surroga giet ippruvata permezz tax-xiehda ta' Noel Ellul u s-*subrogation form* (Dok. NE2) minnu esebita.

It-tielet eccezzjoni: Ma tressqet l-ebda prova da parti tas-socjeta` konvenuta msemmija biex tissostanzja l-allegazzjoni li t-talbiet attrici huma ghal kollox esagerati.

Ir-raba' eccezzjoni: Dwar l-imghaxijiet, stante li fic-citazzjoni gie mitlub ammont specifiku, dawn ghandhom jiddekorru, kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati taghna f'kazijiet simili, mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Il-hames eccezzjoni: Din tirrigwarda s-"survey fees". Sabiex tingieb xiehda tajba dwar il-hsara u nuqqasijiet riskontrati kien xieraq li jsir "survey". Il-htiega ghas-"survey" u ghall-ispejjez taghha qamet ghax saret il-hsara u ghalhekk min jahti ghall-hsara ghandu jhallas ukoll l-ispejjez mehtiega biex ikun maghruf kemm hija l-hsara. Inoltre ghalkemm is-socjeta` attrici ma gietx formalment surrogata fid-drittijiet tal-importatur rigward dawn id-drittijiet (difatti mid-Dok. NE2 jirrizulta li s-surroga saret fir-rigward tas-somma ta'Lm309), dawn kienu dovuti lilha u "ghalhekk kien hemm tpacija bejn id-debitu tal-importatur ghal dawn l-ispejjez u l-kreditu tieghu ghalihom in forza tal-kuntratt ta' assikurazzjoni" (Noel Ellul noe vs Comm. Silvio Mifsud et noe et, deciz fl-24 ta' Gunju 1996, Citaz. 929/92 JDC). Konsegwentement is-socjeta` attrici ghandha kull dritt tirreklama anke tali drittijiet.

Fil-kaz in ezami s-somma mitluba bhala *survey fees* hija ta' Lm132. Is-socjeta` konvenuta Sullivan Shipping Agencies Ltd. diga` halset is-somma ta' Lm38.76 li huwa proporzjonatament l-ammont preciz minhom dovut in konnessjoni ma' l-ammont ta' danni li kienu responsabbli ghalihom. Ghalhekk is-socjeta` konvenuta l-ohra ghandha thallas il-bilanc ta' Lm93.24.

Is-sitt eccezzjoni: Is-socjeta` konvenuta msemmija hija responsabbli ghal dik il-parti tad-danni li tirrispekkja l-perijodu meta l-karrozzi kienu taht il-kustodja taghha, u cioe` s-somma ta' Lm218.30 flimkien ma' Lm93.24 sehem proporzjonali tas-*survey fees*, b'kollox **Lm311.54**.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti John E. Sullivan u Joseph E. Sullivan nomine stante cessjoni fil-mori tal-kawza, tilqa' t-talbiet attrici kif fuq indikat fil-konfront tal-konvenuti Godwin Abela u Alfred E. Aquilina nomine billi

(1) tiddikjara lis-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. responsabbli ghall-hsarat kagonati fil-merkanzija tal-assigurat ta' l-attur nomine kif fuq elenkat,

(2) tillikwida d-danni sofferti mill-assigurat tal-attur nomine li ghalihom hija responsabbli l-istess socjeta` konvenuta fl-ammont ta’ Lm311.54, u
(3) tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lill-attur nomine din is-somma ta’ Lm311.54 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mis-socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Co. Ltd. u kwantu ghal kwart (1/4) mis-socjeta’ attrici.

**ONOR. IMHALLEF**
**DOTTOR DAVID SCICLUNA**

**D/REGISTRATUR**